MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 905/2011

**Banif Bank (Malta) plc C 41030**

**vs**

**Simon Zammit u Dawn Louisa Frendo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-kumpanija Banif Bank (Malta) plc fejn, wara li ppremettiet illi:

Il-kumpanija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klienti taghha;

Illi l-konvenuti huma klienti tal-kumpanija attrici;

Illi l-konvenuti avvicinaw lill-kumpanija attrici biex jissellfu flus minghandha biex ikunu jistghu jhallsu djun precedenti u kif ukoll jaghmlu tiswijiet ta' vettura;

Illi ai termini tal-Artikolu 3 tas-Sanction Letter datata 21 ta' Mejju 2011 (ara Dok. 'A'), il-kumpanija attrici kkoncediet self lill-konvenuti li kien jikkonsisti f'Personal Loan fl-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000);

Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lura l-ammont misluf mill-kumpanija attrici skond kif kien miftiehem fl-imsemmija Sanction Letter;

Illi ghalhekk sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-iskeda annessa mal-imsemmija Sanction Letter, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

k. In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility,"

Illi konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 11(k) tal-imsemmija Sanction Letter, id-dejn tal-konvenuti mal-kumpanija attrici sar pagabbli lura b'mod immedjat;

Illi minn dan l-ammont ghad fadal jithallas bilanc ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u sebgha u sittin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€25,167.74), liema bilanc jinkludi imghaxijiet t'erba' mija, sitta u sebghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€476.61), kalkolat sal-10 ta' Awissu 2011 u jikkoncerna Loan account Nru. 89613 71 001 (ara Dok. 'B');

Illi apparti dan, il-konvenuti ghandhom mal-kumpanija attrici, Current account Nru. 89613 10 001 (ara Dok. 'C'), u in kwantu dan il-kont, l-imsemmija konvenuti ghad fadlilhom ihallsu lill-imsemmija kumpanija attrici, Ammont fi spejjez bankarji Relatati mal-bilanc fuq imsemmi, liema ammont hu ta' mitejn u sittax-il Ewro u wiehed u disghin centezmu (€216.91) u sal-10 ta' Awissu 2011 kien jinkludi imghaxijiet ta' tlieta u hamsin centezmu (€0.53) [ara Dok. 'D'];

Illi oltre l-facilitajiet fuq imsemmija, il-kumpanija attrici kkoncediet lill-konvenuti l-uzu ta' Credit card bin-numru 4196 8060 0001 6549 (ara Dok. 'E'), u fuq din il-Credit card hemm dovut l-ammont ta' sebat elef, mija u wiehed u tletin Ewro u disgha u tletin centezmu (€7,131.39), liema ammont jinkludi imghaxijiet ta' mitejn u tlettax-il Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€213.74) kalkolati sal-10 ta' Awissu 2011 (ara Dok. 'F');

Illi l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti lill-kumpanija attrici hu ta' tnejn u tletin elf, hames mija u sittax-il Ewro u erba' centezmi (€32,516.04), u dan oltre l-bank charges u l-imghaxijiet kif spjegat hawn taht sa mill-10 ta' Awissu 2011 sad-data tal-hlas effettiv;

Illi l-bank charges u l-imghaxijiet ulterjuri jigu kalkolati skond is-Sanction Letter fuq imsemmija u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'G'), in kwantu l-kont Nru. 89613 71 001 u skond it-terms and conditions u t-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet li jifdal, ossia, l-kont Nru. 89613 10 001 (ara Dok. 'H' u Dok. 'I'), u l-kont Nru. 4196 8060 0001 6549 (ara Dok. 'J' u Dok. 'K');

Illi permezz ta' ittra legali datata 15 ta' Lulju 2011 (ara Dok. 'L'), il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-ammont hawn fuq imsemmi, izda l-konvenuti baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jopponu kontra t-talbiet tal-kumpanija attrici;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-kumpanija titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Taqta' u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bid-dispensa mis-smiegh;

Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpanija attrici fis-somma ta' tnejn u tletin elf, hames mija u sittax-il Ewro u erba' centezmi (€32,516.04);

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici, is-somma kumplessiva ta' tnejn u tletin elf, hames mija u sittax-il Ewro u erba' centezmi (€32,516.04).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bil-bank charges and fees u l-imghaxijiet ulterjuri kif stipulat aktar 'il fuq f'din il-kawza, ossia skond is-Sanction Letter u t-Tariff of Charges in kwantu l-kont Nru. 89613 71 001 u skond it-Terms and Conditions u t-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet Nru. 89613 10 001 u Nru. 4196 8060 0001 6549. Il-konvenuti huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat li l-intimati Simon Zammit u Dawn Louisa Frendo, ghalkemm debitament notifikati, la rrispondew ghall-kawza u lanqas dehru fis-seduta.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti.

Peress illi t-talba tar-rikorrenti tinsab pruvata, il-Qorti, fil-kontumacja tal-intimati, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank rikorrenti, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Simon Zammit u Dawn Louisa Frendo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------